MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 215/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Portelli)
Vs
Anthony Bonavia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) Nhar l-14 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija (23.00 hrs), go Mimosa Street, Pieta’, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor fil-periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna billi kkawza feriti ta’ natura gravi (perdurati) fuq il-persuna ta’ Antoinette Borg I.D 592738 (M), hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Gregory Attard M.D., dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkawza x’aktarx debbulizza fis-sahha ta’ Antoinette Borg

I.D. 592738 (M), dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ippermetta lil ibnu Clide Bonavia ta' sittax il-sena isuq il-vettura Morris Marina numru tar-registrazzjoni CAD 967, meta dan ma kienx kopert bl-licenzja tas-sewqan mahruga skond il-ligi, b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni, dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 06/10/1998, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(b) tal-Kap 9, u l-Artikoli 31, 32 u 2(a) tal-Kap 104, l-Artikolu 18 tal-Kap 65, l-Artikoli 17, 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli kollha msemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju, 2001, ikkundannatu ghal tlett snin prigunerija illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, kif ukoll multa ta' mitejn u hamsin lira (LM250) u skwalifikatu milli jzomm kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax il-xahar li jibdew jiddekorru minn meta jservi l-piena ta' prigunerija. Illiberatu mit-tieni mputazzjoni li ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi fil-waqt li tikkonferma l-liberazzjoni mit-tieni mputazzjoni, tilliberah ukoll mill-ewwel, it-tielet u r-raba mputazzjoni ai termini tal-ligi.
Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' a. li l-feriti riportati minn Antoinette Borg ma kienux tal-gravita' li titlob il-ligi ai termini tal-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali , billi kien hemm ksur u mhux sfregju w dawn il-feriti ma kienux gravi "per durata" w li l-vittma fieqet kompletament u kull dubju dwar l-entita' tal-feriti kellu jmur favur l-appellant. Illi kien hemm provokazzjoni ghax ix-xiehda qablu li kienet Borg li l-

ewwel tat-daqqa ta’ harta lill-appellant li jghid li kienet addirittura daqqa ta’ torch . Anki hawn jekk hemm dubju irid imur favur l-appellant. Illi f’kull kaz l-appellant ma kellux jinghata l-piena massima ghal dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tas-seduti tas-6 ta’ Novembru, 2002 u 30 ta’ Jannar, 2003;

Semghet ukoll id-depozizzjoni ta’ Antoinette Borg fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2003 rikjesta mill-istess Qorti bid-Digriet Taghha tas-6 ta’ Novembru, 2002, biex il-Qorti setghet tevalwa l-entita’ tal-feriti taghha ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda incident li gara fl-14 ta’ Novembru, 2000 ghall-habta tal-11 p.m. go tal-Pieta’ , meta, wara kollizzjoni bejn vettura li fiha kien riekeb l-appellant u vettura ohra fejn kienet riekba l- anzjana Antoinette Borg, kien hemm skontru fiziku bejn dawn iz-zewg persuni li fih l-istess Borg garrbet feriti li skond il-prosekuzzjoni kienu ta’ natura gravi.

L-appell odjern jiccentra fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kemm dwar id-dinamika tal-incident vjolenti nnifisu, kif ukoll dwar l-entita’ tal-feriti riportati minn Borg . Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda “safe and satisfactory” fid-dawl tar-rizultanzi.

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant li l-feriti riportati minn Antoinette Borg ma kienux tal-entita’ li taghhom

instab hati , jirrizulta mill-Patient Certificate Form ta’ St. Luke’s Casualty Department (Dok. CSH 3 a fol. 27 tal-process) li din il-mara , li kellha 62 sena , kellha ksur tal-kustilja tax-xellug tal-lemin , hairline fracture tal-kranju fuq ix-xellug taz-zona pareitali , undisplaced fracture tal-malleolus tal-lemin , ferita lacera kontuza fuq ix-xellug tax-xoffa t’isfel, abrazjoni fuq ix-xellug tax-xoffa ta’ fuq, displaced left midline upper and lower incomus, u diversi abrazjonijiet ohra fuq rasha, gedduma, u sidirha fuq ix-xellug , dirghajha tax-xellug u l-ghaksa tal-lemin u tbengil fiz-zona pareitali w frontali fuq ix-xellug.

Dottor Gregory Attard kien ikklassifika dawn il-feriti bhala feriti gravi per natura kif ukoll per durata (Fol.34) u dana peress li kien hemm ksur. Gew esebiti set ritratti (Dok. Al 1 a fol-83 tal-process) li juru l-feriti vizibbli esternament fuq il-persuna ta’ Antoinette Borg.

Meta umbaghad regghet xehdet quddiem din il-Qorti , Antoinette Borg qalet li kienet mara ta’ 64 sena. L-appellant kien taha daqqa ta’ ponn go sniena u daqqiet ta’ sieq . Kellha wiccha mbengel , gundalli f’rasha , daqqa ta’ sieq go sidirha u kien ghada s’issa bl-ghadma mqabbza u kienet ghamlet xahar fis-sodda b’saqajha fil-gibs . Wara umbaghad damet xi gimghatejn ohra timxi bil-krozzi jew bastun.

Dwar dan l-ewwel aggravju l-appellant jissottometti li ma jirrizultawx l-estremi tar-reat kontemplat fl-artikolu 216 (1)(b) li jirrigwarda sfregju . Issa l-akkuza originali kienet ta’ feriti gravi bi ksur tal-artikolu 214 u 216 tal-Kodici Kriminali skond l-ewwel akkuza u ta’ feriti gravi bi ksur tal-artikoli 214 u 218 skond it-tieni akkuza . Illi fin-nota tieghu l-Avukat Generali deherlu li tista’ tinstab htija kontra l-appellant taht l-artikoli 214, 215, 216, 217 , u 218 tal-Kodici Kriminali , apparti artikoli ohra. Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti iddikjarat (Fol. 122) li qed issib lill-appellant hati ta’ ferita gravi “per durata” fuq il-persuna ta’ Antoinette Borg u dana bi ksur tal-artikoli 214 u 216 (1) (d) . Illi dan s-subinciz proprju jinkwadra ruhu fil-kaz in ezami ghax bil-fatt li Antoinette Borg damet xahar fil-gibs u gimghatejn bil-krozzi jew bastun, zgur li kien hemm il-

marda tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed . Ghalhekk hija skorretta s-sottomissjoni tal-appellant li hu kien instab hati tal-lsfregju li mhux suppost li instab hati tieghu. Di fatti hu instab hati ta’ ferita gravi “per durata” u dan johrog bl-izjed mod car mis-sentenza appellata w ma nstabx hati tal-ferita gravi konsistenti f’debbulizza jew difett permanenti tal-gisem jew ta’ sfregju skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali .Anki jekk donnu a fol. 123 jidher li hemm “mis-print” u ssemma s-subinciz (b) minnflok is-subinciz (d) tal-art. 216 (1), hu altru milli car li l-htija li instabet taht l-ewwel akkuza kienet taht l-art. 216 (1) (d) . Ghalhekk dan l-aggravju ma jreggix u hu bazat fuq qari zbaljat tas-sentenza appellata.

Ghar-rigward tal-aggravju tal-provokazzjoni Antoinette Borg xehdet li kienet passiggiera fil-car t’ohtha u harget karozza tigri mill-gemb u habtet maghhom u waqfu. Ohtha nizlet biex tara x’kien gara w hi nizlet ukoll u marret fejn il-car li kienet habtet maghhom . Kienet qalet lill-appellant li mhux sew kif ghamlu , saqu w dahlu jigru fihom u li kieku ma kelliex ic-cintorin, rasha kienet tohrog mill-windscreen. L-appellant li ma kienx hu li kien isuq, hareg mill-car , taha daqqa ta’ ponn go sniena u hargilha d-demm . Hi telqet minn hemm u marret tistrieh mal-karozza t’ ohtha. Wara ftit pero’ l-appellant rega gie, imbuttha mall-karozza t’ ohtha w bid-daqqa li taha faqghet il-bieba w regghet ghamlet hsara lill-car t’ohtha , Tefaghha mall-art u beda jatiha bis-sieq kemm jiflah go wiccha w go rasha . Umbaghad nizel ragel jaghtiha l-ghajnuna. Hi ma kienet ghamlitlu xejn lill-appellant .

Antoinette Borg hija korroborata fid-deskrizzjoni li tat tal-incident minn ohtha Rosaria Maria Stafrace u zewg xhieda ohra indipendenti .Stephen Pace ddeskriva kif l-appellant baqa’ jsawwat lil Borg anki meta din kienet fl-art billi jatiha bis-sieq x’hin bdiet tipprova tqum mill-art. Hu ma intervjeniex ghax beza’ li jaqla’ xeba’ hu ukoll. Umbaghad tant kien vjolenti l-iskontru li xhud iehor indipendenti Edmond Camilleri , li ipprova jintervjeni biex jikkwieta l-argument qala daqqa fuq wiccu minnghand il-guvni prezumibbilment Clyde Bonavia w meta hu imbotta lil dan il-guvni biex jipprotegi lilu nnifsu w lil Antoinette Borg, gie

xi hadd minn warajh u tah daqqa u tefghu mall-art, u tajjarlu n-nuccali minn ghajnejh . Inoltre hass daqqiet ta' sieq fuq wara f'dahru w f'rasu . Dan ix-xhud indipendenti rmexxilu jqum u telaq jigri minn hemm.

L-appellant ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti u ibnu Clyde Bonavia ghazel li ma jixhidx.

Illi fl-statement tieghu mall-Pulizija, (Dok. CSM 2 a fol. 25 tal-process) l-appellant allega li kien ftit xurban u ghalhekk kien halla lill-ibnu ta' sittax il-sena jsuq. Wara l-habta kienet harget mara avvanzata fiz-zmien u marret direttament fuqu w tatu daqqa fuq rasu b'torch iswed . Hu imbuttha w din waqghet mall-vettura taghha stess u baqghet niezla fl-art. Ma tahiex bis-sieq u ma taha ebda daqqa hlief imbuttha.

Illi f'dan l-istat tal-provi , din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezament li ghamlet l-Ewwel Qorti w minnflok tistrieh fuq dak li allega l-appellant fl-statement tieghu li mhu korroborat minn hadd minnflok ma taccetta l-versjoni ta' Antoinette Borg li ghandha korroborazzjoni ndipendenti . Ghalhekk l-allegazzjoni tad-daqqa bit-torch tibqa' biss allegazzjoni li fid-dawl tal-provi kollha ma tidhirx kredibbli w fuqha wiehed ma jistax jibni xi difiza ta' provokazzjoni, lanqas fuq bazi ta' probabbilita'. Illi ghal kuntraju kollox jindika li dan kien attakk mill-aktar vjolenti w skatenat fuq mara anzjana li sahansitra werwer zewg irgiel li kienu vicin u raw kollox. Ghalhekk dan it-tieni aggravju jidher manifestament infondat jekk mhux addirittura frivolu .

Illi fir-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, jigi osservat illi l-appellant ghandu kondotta mill-aghar li jista' jkollu konsistenti f ' hamsa w ghoxrin (25) faccata li jkopru hafna dikjarazzjonijiet ta' htija w kundanni mill-Qrati mill-1968 sal-prezent. Fost dawn l-appellant instab hati diversi drabi ta' serq, ksur ripetut kemm il-darba tal-ordni pubbliku bi glied , feriti, anki ta' natura gravi ,fuq membri tal-korp tal-Pulizija , gwardjani tal-habs u persuni pajzani , theddid, hsara volontarja, sewqan bla licenzja w insurance u sewqan perikoluz , feriti b'arma kemm ta' natura gravi u

ta’ natura hafifa fuq diversi personi, attakk u rezistenza ghall-Pulizija, hebb ghall-Kummissarju tal-Pulizija , swat u feriti fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija w sahansitra pussess ta’ medicina specifikata u psikotropika meta kien detenut fil-habs civili . L-appellant wara li kien inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati biex jirriforma ruhu , spicca li beda jigi regolarment kundannat ghall-detenzjoni w ghall-periodi ta’ prigunerija. Izda jidher li dan kollu kien ghal xejn u qatt ma jidher li wera l-inqas sinjal ta’ ripentiment.

Illi din il-Qorti ma tvarjax il-piena sakemm ma tkunx sodisfatta li din ma tkunx tohrog mill-parametri legali jew tkun manifestament esagerata , haga li kjarament ma hix f’dan il-kaz , konsidrata il-kondotta pessima tal-appellant u l-fatt li hu recidiv kif irrizulta ndubbjament ghall-Ewwel Qorti . Illi lanqas hu korrett l-appellant meta jghid li gie kundannat ghall-massimu tal-piena . Di fatti fil-waqt li l-piena ghall-offiza ta’ natura gravi li taqa’ taht l-artikolu 216 hija ta’ bejn tlitt xhur u tlitt snin , din tista’ tizdied bi grad skond l-artikolu 50 u titla’ sa massimu ta’ erba snin skond l-artikolu 30 (10 (a) (vii) u (viii). B’dana kollu fil-fatt l-Ewwel Qorti kkundannatu ghall-tlitt snin prigunerija biss . Ghalhekk anki dan l-aggravju mhux gustifikat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------